MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 510/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Kontra**

**David Spiteri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra David Spiteri ta’ 39 sena bin Francis Paul u Vincenza Spiteri nee Farrugia, imwieled fl-4 ta’ Jananr 1963 il-Gżira u residenti 53 Hyacinth Triq l-Isqof Angelo Portelli, Pembroke detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 42864 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-18 ta’ Jannar 2003 u fi zminijiet ta’ qabel bhala propjetarju jew amministratur

responsabbli jew konsumatur tal-fond 53 ‘Hyacint’ Triq l-Isqof Angelo Portelli Pembroke, b’diversi atti maghmulin minnu b’risoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b’mezzi qarrieqa li bihom jistghu iwaqqfu jew ibiddlu l-kejl jew marka fil-meter, tal-kwantita mehuda jew kkunsmata fil-fond hawn imsemmi u b’hekk kkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ LM 366.40 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai terminu ta’ l-Artikoli 18, 261, 263, 264 (2), 267, 279 (a) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U iktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Ganz tas-serial number 568068 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema hsara ma teccedix LM10 u dan ai termini ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 428 tal-1964, il-kunsens tal-imputat u dak tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali nadifa tal-imputat, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr Saviour Demicoli, intitolat ‘Meter tad-dawl imbagħbas ġewwa l-fond 53 Hyacinth Triq l-Isqof Angelo Portelli, Pembroke, rappurtat lill-Pulizija fit-18 ta’ Jannar 2003’, il-konferma tal-esperti maħtura matul mill-Maġistrat Inkwirenti (fol 23), il-current incident report a fol 38 (rapport magħmul minn Mario Cassar), id-dokument dwar il-konsum (fol 44 u 45) u d-dokument AC a fol 66 u 67.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat.

Rappreżentanti tal-Enemalta għamlu inspection visit fil-fond 53 Triq l-Isqof Portelli Pembroke fit-18 ta’ Jannar 2003.

Ir-rappreżentant tal-Enemalta Mario Cassar xehed li kienu sabu li l-board tal-meter ma kienx imwaħħal sew mal-ħajt u għalhekk seta' jinqala' minn postu. Kien hemm brix fqu id-diska li 'jista' jirriżulta' li l-meter kien jinqaleb u jiġi f'postu. Jekk issib li l-meter jista' jinqala' u jkun hemm evidenza ta' brix fuq id-diska jkun il-każ li l-metr jinqaleb rasu 'l isfel u d-diska tibda tħokk.' (fol 10). Il-meter kien jista' jinqala' mal-ħajt għax sempliċiment meta missu b'idu kien ġie f'idejh. (fol 21).

Johnny Camilleri, fitter mal-Enemalta, xehed li hu kien preżenti u kkonferma li l-meter kien jinqala' bl-injama b'kollox 'l barra. X'ħin fetħu, il-Court Expert sab xi grif fuq id-diska.

L-espert Hugh Camilleri kkonferma r-rapport tiegħu. Huwa qal li l-meter kien ghadu mwaħħal u li tal-Enemalta kienu qalulu li l-meter kellu l-injama tiċċaqlaq. Is-siġilli kienu tajbin. L-injama kienet tiċċaqlaq xi ftit. Il-meter ma kienx maqlugħ. L-injama tiċċaqlaq kienet tindika li xi darba seta' nqala'. (fol 34). Il-meter ma kellux ħsarat oħra. (fol 34).

Ian Vella, Officer in Charge Revenue Protection l-Enemalta, xehed li huma kienu għamlu stima ta' Lm366 fuq il-fond imsemmi mid-13 t'April 1998 sat-18 ta' Jannar 2003. Kien hemm drop fil-kontijiet fit-13 t'April 1998 fejn minn 16-il unit beda jkun hemm konsum ta' xi 7 units kull jum. L-average kien 14 sa 16; imbagħad niżel għal tmien units kull jum u llum qiegħed 10.4.

Fil-kontro-eżami (fol 72 et), ix-xhud spjega li huwa kien ħadem average fuq il-kontijiet.

Xehed ukoll John Vella, ir-rappreżentant tal-Enemalta, li qal li tal-emerġenza ma jibdlux meters. Fir-records ikollhom meta jsir change of meter.

Alan Chetcuti, rappreżentant ieħor tal-Enemalta, xehed li mill-istima totali ta' Lm366.40 kienu tħallsu Lm250. Huma kienu lesti jirrinunzjaw għall-kwerela jekk jaslu mal-konsumatur. Huwa kkonferma l-average use mill-imputat

kif mogħti minn Ian Vella. (fol 64) Id-dokument a fol 66 juri li sat-18 ta' Novembru 2002, l-average fuq 126 jum kien ta' 13.444 u imbagħad bejn it-18 ta' Novembru 2002 u t-t18 ta' Jannar 2003, fqu medda ta' 61 jum, l-average niżel għal 7.705.

Fil-kontro-eżami (fol 75) ix-xhud qal li keinu saru xi rapport mill-imputat. A fol 79 dan ix-xhud qal li l-meter kien imwaħħal fl-24 ta' Mejju 1996. Lanqas irriżultalu li l-imputat kien għamel talba għal xi tiswijiet.

L-imputat kien xehed minn jeddu fl-inkjesta. Huwa kien qal li kien l-ewwel sid u kien hu li daħħal id-dawl. Darba kein sparkjalu d-dawl minn barra, ġew tal-Enemalta, għamlu ġonta barra u bidlu s-servce box. L-injama ma qalgħuhiex. Darba kellu inċident bil-karozza u laqat il-bieb tla-garage. Bid-daqqa li qala' l-meter kienet tqaċċtet il-koppa minn mal-arloġġ u l-injama bdiet tiċċaqlaq. Kienu rraporta u marru tal-Enemalta, bidlu l-meter u l-injama ħallewha keif kienet. Ipprova jagħtiha żewġ imsiemer iżda din tgħawġulu. (fol, 16(24)). Huwa kien qalilhom fuqha u qalulu li mhix ser tinqala'. L-imputat ċaħad li ien bagħbas l-arloġġ u l-aircondition kien daħħlu f'Settembru 2002.

L-imputat xehed fil-Qorti. Meta ġew tal-Enemalta kien raw l-injama tiċċaqlaq. Huwa qal li dak il-meter qatt ma missu. Semma l-inċident li kellu bil-karozza meta l-bieb ingħalaqlu bir-riħ. Huwa kien ċempel lil Enemalta u marru u bidlu l-meter. Staqsiehom jekk l-injama kinux ser isammruhielu, qlaulu li dik jagħmluha 'tal-ġurnata' u ħadd ma reġa' ġie. Kien għamel rapport ieħor għax kellu loose collection. Is-siġilli kienu kollha intatti.

Elizabeth Spiteri, mart l-imputat xehdet li darba l-meter kien intlaqat u kienu għamlu rapport. Kienu ġew, waħħlu xi viti mal-ħajt, xi msiemer u kien hemm xi ġonta fl-arja. Il-meter kien intlaqat ħafna qabel ma marru jagħmlu l-ispezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-Enemalta ġiehom suspett wara li ħadmu l-averages ta' ċerti perjodi u raw diskrepanza. B'mod partikolari dan jidher bejn it-18 ta' Novembru 2002 u t-18 ta' Jannar 2003 fejn l-average waqa' minn 13.444 għal 7.705. Qabel bejn il-15 ta' Lulju 2002 u t-18 ta' Novembru 2002, fuq medda ta' 126 l-average tela' minn 10.047 għal 13.444. L-imputat daħħal air conditioner f'Settembru 2002. Qabel l-air conditioner kiken hemm averages ta' 12.075 u 10.047. Għalhekk meta tara l-figuri – **qabel** l-air conditioner u **wara l-**air conditioner – wieħed isib sorprendentement anqas konsum fi żmien l-iqsar jiem tax-xitwa meta wieħed bilfors juża aktar elettriku għax jidlam kmieni u t-temp jiksaħ xi ftit u għalhekk ikollok bżonn ta' aktar heating. Dan huwa punt li bilfors wieħed jikkonsidrah, speċjalment meta wieħed iqabblu ma averages għal xi perjodu korrispondenti – ( per eżempju, is-27 ta' Frar 2001 fejn kien hemm konsum ta' 9.946).

Dawn il-figuri joħolqu suspett serju.

Issemmew ukoll il-kwistjoni tal-injama tiċċaqlaq kif ukoll tal-brix fid-diska. L-imputat ta spjegazzjoni ta' x'seta' wassal għaċ-ċaqliq. Dwar il-brix hemm l-ispjegazzjoni tal-espert ta' kif seta' sar. Dan seta' sar meta ħakket id-diska partikolarment jekk il-meter inqaleb rasu 'l isfel.

Min-naħa l-oħra l-espert maħtur mill-Qorti nnota li s-siġilli kienu sew u l-cover u l-gasket kienu ntatti. Dwar il-brix dan seta' sar meta ħakket id-diska partikolarment jekk il-meter inqaleb rasu 'l isfel.

Minkejja s-suspett qawwi li joħolqu l-figuri kif ukoll il-brix fuq id-diska, il-Qorti jibqgħalha dak il-'lurking doubt' dwar jekk l-imputat wettaqx ir-reat. Għalhekk il-Qorti qed tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 264(2), 267, 279(a), 270 u 325(1)(d) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat miż-żewġ imptuazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------